NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Jannar – Frar 1997 Nru. 94

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# X'Aħna Sbieħ minn jaf Jarana !!!

F'dawn il-ġranet kelli l-okkażjoni sabiħa li nattendi għaċ-Ċerimonja ta' Jum il-Premjazzjoni fl-iskola Primarja tar-Rabat, fi Triq il-Vajrinġa, u fl-ewwel parti tal-Programm, it-tfal ta' din l-iskola tawna diversi żifniet, kant, kif ukoll daqq fuq il-pjanu u l-vjolin. It-tfal kollha ħassewhom kburin li kienu qed jieħdu sehem f'dik l-okkażjoni u juru t-talenti sbieħ li bihom żejjinhom Alla. U bir-raġun. Iżda item minnhom li laqtitni kienet il-play mużikali u fantastika ta' **"X'AĦNA SBIEĦ MIN JAF JARANA!"** Play b'messaġġ kbir, kemm għat-tfal u wisq u wisq iktar għall-kbar.



U wara qgħadt naħseb... Kos, ilkoll kemm aħna nistgħu ntennu dawn il-kelmiet: ***"x'aħna sbieħ min jaf jarana!"*** Għax ngħiduha kif inhi: nippriedkaw ħafna affarijiet sbieħ; tismagħna nitkellmu taħsibna qaddisin miexja fl-art; id-diskussjonijiet li nqanqlu taħsibhom ħerġin minn ġenji tal-għerf; iżda imbagħad meta niġu għall-fatti, meta nippruvaw npoġġi fil-prattika dak li nkunu għidna, taf kemm ngħawwġuhom u ngerfxuhom dawn il-prinċipji!

Kemm nies jitkellmu dwar l-Onesta'! Ħaġa tajba u ta' min ifaħħarha li wieħed ikun onest: onest fi kliemu, onest fin-negozju, onest fid-dmirijiet kollha tiegħu, onest ma' martu, mar-raġel tagħha, ma' uliedhom. Onest miegħu nnifsu u onest ma' Alla. Kulħadd jistenna li l-bnedmin li magħhom niltaqgħu jkunu lebsin din il-libsa ta' l-onesta'. Iżda x'ingħidu għalina nfusna? Min jaf kemm il-darba ma konniex onesti fi kliemna u gdibna u ħarrifna bl-addoċċ? Min jaf kemm il-darba qarraqna b'ħaddieħor, filwaqt li ġġustifikajna lilna nfusna u għidna li jekk ma tagħmilx hekk ma timxix 'il quddiem? Taħsbu li ma toqgħodilniex il-frasi: ***x'aħna sbieħ min jaf jarana?***

X'ingħidu dwar il-maħfra? Nistennewha mingħand kulħadd. Nippretenduha minn dawk kollha li magħhom inkunu ksirniha. Allaħares ma jaħfrulniex u jagħdru l-iżbalji tagħna, għax malajr nittimbrawhom li mhumiex denn li jissejħu nsara. Iżda kemm insibhuha diffiċli li aħna naħfru lil min ikun naqasna! Kemm indumu ntellgħu u nniżżlu u nġibuha bi tqila biex nagħdru l-iżbalji ta' l-oħrajn. kemm indumu ntertqulhom qalbhom sakemm ngħidulhom li ħfirnilhom, avolja imbagħad, ma kull inċident ġdid li jerġa jinqala' inkunu minn ta' l-ewwel li nfakkruhom fil-maħfra li nkunu tajnihom. Mhux il-każ li ntennu: ***x'aħna sbieħ min jaf jarana!?***

U għas-sinċerita' xi ngħidu? Irridu s-sinċerita' mingħand kulħadd. Għandna dritt għaliha. Għax, kos, sabiħa s-sinċerita'. Irridu li uliedna jkunu sinċieri magħna, bħalma l-ulied jistennew lill-ġenituri tagħhom li jkunu huma ukoll sinċieri. Nippretendu li jkun hemm sinċerita' bejn il-koppja miżżewġa: u hekk suppost li jkun. Nistennew is-sinċerita' mill-gazzetti, mir-Radio, mit-TV, mill-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali. Fl-istess ħin nimxu bil-prinċipju li aħna mhux dejjem nkunu fi stat li nkunu sinċieri. U nħossu ġewwa fina xi ħaġa li tgħidilna li aħna għandna dritt li f'xi sitwazzjonijiet nistgħu nuru nuqqas ta' sinċerita'. ***X'aħna sbieħ min jaf jarana!***

☛ ikompli f'paġna 2

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

15.12.96: MATTHEW, iben Anthony Vella u Josephine nee' Xuereb
15.12.96: CARMEN, bint Francis Borg u Mary nee' Gatt
21.12.96: JOSEPHINE, bint Joseph Cutajar u Georgina nee' Cassar
22.12.96: WALLACE, iben Emanuel Camilleri u Paula nee' Micallef
28.12.96: SHANA MARIE, bint Michael Bugeja u Angela nee' Spiteri
28.12.96: JUSTIN, iben Joseph Micallef u Josette nee' Grech
05.01.97: RIANA, bint Michael Azzopardi u Victoria nee' Camilleri
05.01.97: CHRISTIAN, iben George Azzopardi u Marita nee' Buttigieg

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

**04.01.97:** VINCENT DEBRINCAT + SYLVANA SAID

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

**04.12.96:** FRANCIS BEZZINA
**21.12.96:** MICHAEL XUEREB

## Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista: *"Il-Belt Victoria"*

| | | |
|---|---|---|
| Anthony Mercieca: | Ontario: | Can $ 20 |
| Mr.& Mrs.Anthony Aquilina: | Ontario: | Can $ 50 |
| Mr. & Mrs. Emm. Attard: | Sydney: | Aus $ 20 |
| George Pace: | Sydney: | Lm 5 |
| Salvatore Zammit: | Malta: | Lm 1 |
| Kapp. Dun George Brincat: | U.S.A.: | US$ 50 |

*mill-paġna ta' quddiem*

## X'Aħna Sbieħ minn jaf Jarana !!!

Mhux darba jew tnejn kellna x-xorti li nattendu għal xi wirja taċ-Ċirku, jew inkella rajnih fuq it-T.V. Żgur li dejjem tgħaxxaqna u dħaqna bil-buffi u l-praspar li jagħmlu. Iżda jiena naħseb li jekk nieqfu ftit quddiem il-mera, u nirriflettu ftit dwar kif qed inġibu ruħna aħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum, żgur li dik il-figura li titfaċċa quddiemna ġol-mera ma tkunx ħaġa oħra għajr aħna lebsin ta' buffi. Naħsbu li kapaċi nidħku b'ta' madwarna, mentri fil-fatt inkunu qed nidħku bina biss.

Naħseb li xieraq noqgħodu iktar attenti u neħilsu minn dan id-difett li fih qed naqgħu. Xejn xejn ma jkunx hemm min jgħid għalina: ***X'aħna sbieħ min jaf jarana!***

**Arcip. Salv Borg**

# *Editorjal. . .*

# LEJN IS-SENA 2000

Kultant iseħħu ġrajjiet, avvenimenti u ċelebrazzjonijiet li għalkemm nkunu domna nippreparaw għalihom ħafna, meta jgħaddu tinduna li ma jkunu ħallew l-ebda effett. Dan minkejja l-impenn ta' bosta nies biex għal ċerti ċelebrazzjonijiet issir preparazzjoni serja għalihom biex kulħadd jifhem għaliex ikunu qed isiru.

Għadna kemm tajna bidu għall-aħħar tlett snin tas-Seklu Għoxrin li ser iwasslu għal-Ġublew tas-Sena 2000. Wieħed jittama li l-ewwelnett nifhmu l-iskop taċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru biex jitfakkar dan il-Ġublew. Hemm bżonn li kulħadd ikun jaf u mgħarraf tajjeb dwar dan. Għalhekk għandna naqraw ġurnali u rivisti li jkun fihom artikli interessanti dwar l-iskop tal-Ġublew u nieħdu sehem bis-serjeta' f'kull ċelebrazzjoni li tkun ser issir bi tħejjija.

Tajjeb għalhekk li l-preparazzjoni tagħna tkun serja u li tagħti l-frott. Kultant f'ċelebrazzjonijiet simili nagħtu każ iktar ta' dak li jkun jidher sabiħ, kbir u organiżżat milli lejn l-effett li dak li nkunu qed nagħmlu jista' ikollu. Għandna bżonn nitgħallmu li dak li nagħmlu nagħmluh sewwa. Hemm bżonn nidraw ma nkunux superfiċjali. Hemm bżonn inżommu saqajna fl-art u matul dawn it-tlett snin ta' tħejjija nħarsu sewwa lejna nfusna biex naraw jekk il-fidi, li nidhru li aħna tant kburin bija, għadhiex dik il-fidi awtentika li wasslilna Missierna San Pawl.

Jekk ma nagħmlux dan tasal is-Sena 2000, jgħaddi l-Ġublew u nerġgħu nsibu ruħna fejn aħna llum b'fidi li kultant tinduna li tasal sal-qoxra biss.

Għalhekk matul din is-sena, is-sena 1997 - Is-Sena ta' Ġesu'- għandna nagħmlu kull impenn biex nifhmu aħjar min hu dan Kristu għalina. L-isparar, il-festi u t-tiżjin żgur ma ma jwasslux biex nifhmu lil Kristu. Illum għall-grazzja t'Alla għandna naħsbu li f'kull dar hemm kopja bil-Malti tal-Bibbja. Ħuduh f'idejkom dan il-ktieb! Sibu l-Erba' Vanġeli. Aqraw u iflu sewwa kliem Kristu u b'hekk tkunu qed issiru tafu min għandu jkun Ġesu' għalikom u f'ħajjitkom. B'hekk u b'affarijiet bħal dawn inkunu verament qed nitħejjew tajjeb għal-Ġublew tas-Sena 2000.

# FONDI LI NĠABRU GĦAX-XOGĦOL TA' RESTAWR FUQ L-ISTATWI TA' SAN ĠORG U TAS-SS. KURĊIFISS U GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TA' FIDI - STORJA - KULTURA LI SARU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ BEJN IL-15 - 24 TA' NOVEMBRU 1996

Dawn il-flus ingħataw f'offerti ta' Lm3030 (waħda), Lm2500 (waħda), Lm500 (erbgħa), Lm200 (waħda), Lm120 (waħda), Lm100 (disgħa), Lm60 (waħda), Lm50 (sebgħa), Lm40 (waħda), Lm30 (tnejn), Lm20 (ħdax), Lm10 (ħmistax) u Lm5 tmienja). Ingħataw flus f'ċifri oħra, ġeneralment iżgħar. B'kollox inġabru Lm9753.

F'din il-lista li qed tiġi ppubblikata m'aħniex nakkreditaw il-benefatturi bid-donazzjoni rispettiva tagħhom sabiex ma jsirux paraguni li ma jixirqux. Bid-donazzjoni tiegħu kull nenefattur ta dak li seta' u dan għamlu mill-imħabba tiegħu lejn Ġesù', lejn San Ġorġ u lejn il-knisja parrokkjali tagħna.

Din il-lista qed nippubblikawha l-ewwelnett biex nagħtu rendikont ta' l-għotjiet li waslulna, imma l-aktar bħala għarfien u ringrazzjament lil dawk fostna li riedu jkunu tant ġenerużi fi proġett ta' din ix-xorta u fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru. għandhom ikunu wkoll ta' eżempju għal dawk li bi flushom jistgħu jgħinu lil San Ġorġ.

Jiddispjaċina li x'aktarx minħabba l-fixla li konna fiha matul l-aħħar ġimgħa ta' Novembru (meta sarul-akbar għadd ta' donazzjonijiet) hemm għadd ta' għotjiet li ma nafux min għamilhom. Inkunu grati jekk dawk li għamluhom u li isimhom ma jidhirx fillista li ġejja, jinfurmaw lil Mons. Arċipriet ħalli jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

Francesco u Doris Mizzi, George Caruana, Saviour Cremona, Ewkaristiku Attard, Ewkaristika Farrugia, Josephine Camilleri, Joe Abela, Victor Portelli, Feliċ Attard, Victor Borg, Georgia Camilleri, Pascal Attard, Kunsill Lokali Victoria, Kan. Dun Nikol Vella Apap, George u Joseph Said, Maria Cutajar, Familja Tabone-Galea, Joe u Georgia Refalo, Anthony u Vitorina Mizzi, Ganni u Doris Farrugia, Familja Caruana, George Sacco, NN, Georgina u Joseph Xuereb, George Cremona, Frank Mizzi/John Frendo, Familja Camilleri, Carmel u Georgina Schembri, M'Rosaria Said, J. Attard, F. Tabone, Maria Galea, NN.,Ġużeppi Agius, George Farrugia, Lorenza Schembri, Nazareno Galea, Joe u Doris Cini, Pascal Xerri, NN., Rosa Grech, Azzjoni Kattolika, Pawlu Camilleri, Kan. Dun Karm Grech, Maria Attard, Carmela Fenech, Francesco u Doris Mizzi, Gużepp Farrugia, Onor. Dr. Ant Refalo, Mgr. John Dimech, Paul u Joseph Zammit, Dr. Spiteri Maempel, NN., Kan. Dun Saverio Calleja, Rosina u Assunta Scicluna, Anton Said, George u Josephine Spiteri, NN., Viva San Ġorġ", Anthony Farrugia, Dun Ġuzepp Gauci, Dr. Michael Camilleri, Rosa u Rita Farrugia, Joe Cutajar, Anonimi (flus li ma nafux min tahom) Lm83.

| | | |
|---|---|---|
| **DĦUL:** *(Ara nota t'hawn fuq)* | | **Lm 9753.00** |
| **ĦRUĠ:** | | |
| Trasport (Restawraturi, Mistiedna Speċjali, Studjużi, eċċ) | Lm 2032.88 | |
| Xogħol + Board +Lodging: | Lm 4188.64 | |
| Celebrazzjonijiet: (Mużika, Banda Rigali, eċċ. | Lm 1798.47 | |
| | Lm 8019.99 | Lm 9753.00 |
| **Bilanċ: (*)** | **Lm 1733.01** | |
| | *Lm 9753.00* | *Lm 9753.00* |

***(*) Il-Bilanċ ta' Lm 1733.01 imur fil-Fond għal Restawr u opri oħra li jsiru fil-Bażilika iktar 'il quddiem.***

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI FIL-BAŻILIKA TAGĦNA

# RANDAN 1997

Mit-Tnejn 3 ta' Marzu sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu
**EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD**
fit-3.00pm
*Predikatur:* **Fr. Stanley Tomlin MSSP**

Mit-Tnejn 3 ta' Marzu sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu
**EŻERĊIZZI GĦAŻ-ZGĦAŻAGĦ**
fis-7.00pm.
*Predikatur:* **Kan. Dun Mikiel Agius**

Mit-Tnejn 10 ta' sal-Ġimgħa 14 ta' Marzu
**EŻERĊIZZI GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠA**
fis-7.00pm.
*Predikatur:* **Kan. Dun Victor Cilia**



# LEJN IS-SENA 2000

## 1997 - IS-SENA TA' ĠESÙ



# L-UNIKU TABIB TAL-MARD TAGĦNA

ta' FRANCO PIERINI

***Il-bniedem, kemm jekk inħarsu lejh mil-lat materjali, kif ukoll minn dak spiritwali, jitwieled u jgħix immarkat minn elf ferita li tidher kemm minn barra kif ukoll moħbija fuq ġewwa. U ma jasal qatt li jsib it-tabib il-ġust u l-anqas il-mediċina eżatta li teħilsu mill-mard kollu tiegħu, l-aktar minn dik tal-mewt.***

***Safrattant dan it-tabib jeżisti: Ġesu' Kristu. Infatti huwa l-istess ħajja, l-istess salvazzjoni, fiż-żmien kif ukoll fl-eternita'. sant Wistin jitkellem dwar dan fit-Tielet Omelija tiegħu dwar il-Vanġelu ta' San Ġwann (li hawnhekk ser inġibu is-siltiet Nru. 2 - 4 kważi intieri), li huwa għamel fis-sena 413. Filwaqt li ġedded il-kontrapposizzjoni bejn il-Liġi u l-Grazzja, jenfasizza b'mod partikulari l-gravita' tal-mard li jiġi mil-Liġi u mid-Dnub, li jista' jiġi mfejjaq mill-uniku tabib possibbli: Kristu li miet u rxoxta għalina.***

Aħna nsara, u jiena ċett li ma għandna bżonn ta' ħadd biex jikkonvinċina dwar dan. U jekk aħna nsara, bħalma jfisser dan l-isem stess, aħna nappartienu lil Kristu. Inġorru fuq ġbinna s-sinjal tiegħu, u ma nistħux ngħidu li nġorruh ukoll f'qalbna. Is-sinjal ta' Kristu juri l-umilta' tiegħu. Il-Maġi għarfuh permezz ta' kewkba, u dan is-sinjal ċelesti u meraviljuż, ġie mogħti lilhom sabiex jagħrfu lill-Mulej.

Iżda hu ma riedx li s-sinjal fuq ġbin il-fidili tiegħu ikun il-kewkba, iżda s-Salib. Dan minħabba l-fatt li fuq is-Salib Hu ġie umiljat u fuq is-Salib kellu jiġi gglorifikat: permezz tiegħu Hu għolla lill-umli, waqt li reġa' tela' 'il fuq mill-abbiss li fih niżel biex jumilja ruħu.

### ❑ LIĠI U VANĠELU ❑

Aħna nappartieni lill-Vanġelu, nappartienu għat-Testment il-Ġdid. ***"Għax il-Liġi kienet mogħtija b'Mose', mentri l-grazzja u l-verita' ġew mogħtija b'Ġesu' Kristu".*** (Ġw. 1, 17). Nistaqsu lil Appostlu Pawlu u hu jgħidilna li aħna ma aħniex taħt il-Liġi iżda taħt il-grazzja: ***"Bagħat Alla 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikellna l-adozzjoni bħala wlied ".*** (Gal.4,4-5) Ekku għalfejn ġie Kristu, sabiex jeħles lil dawk li kienu taħt il-Liġi, sabiex ma jibqgħux iktar taħt il-Liġi, iżda taħt il-grazzja.

Min kien li ta l-Liġi? Ta l-Liġi dak li ta wkoll il-Grazzja, iżda l-Liġi taha permezz ta' qaddej, mentri biex ta l-Grazzja, niżel Huwa stess. U kif qatt il-bnedmin sabu ruħhom taħt il-Liġi? Għaliex huma ma wettqux il-Liġi. Min iħares il-Liġi mhuwiex taħt il-Liġi, iżda hu mal-Liġi. Mill-banda l-oħra, min isib ruħu taħt il-Liġi, ma jsibx ruħu merfugħ mil-Liġi, iżda mgħakkes mil-Liġi.

### ❑ IL-MORDA TAL-LIĠI U T-TABIB TAGĦHOM ❑

B'dan il-mod il-Liġi tagħmel ħatja lill-bnedmin kollha li huma taħt il-Liġi, u tagħfas fuq spallejhom, billi turihom dnubiethom, u mhux biex teħles minnhom. Il-Liġi timponi ordinijiet, mentri l-awtur tal-Liġi juri ħniena proprja fejn il-Liġi tikkmanda.

F'din is-sitwazzjoni, peress li ma kienux kapaċi jwettqu l-Liġi bil-forzi tagħhom, anżi dehru iktar ħatja, huma sejħu l-għajnuna tal-ħellies. Il-ksur tal-Liġi biddel lis-suppervi f'morda msejkna u l-marda tagħhom saret stqarrija ta' bnedmin umli. Fl-aħħar il-morda jistqarru li huma morda: jiġi t-tabib tagħhom u jagħtihom il-fejqan.

### ❑ IT-TABIB ĠWEJJED LI MIET U RXOXTA ❑

Min hu t-tabib? Hu s-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu. U min hu s-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu? Hu dawk li rawh saħansitra dawk stess li sallbuh, dak li ġie maqbud, mogħti bil-ħarta, ifflaġellat, mimli bil-bżieq, inkurunat bix-xewk, imdendel mas-salib, maqtul, minfud bil-lanza, imniżżel mis-salib u mqiegħed fil-qabar.

Dan hu s-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu. Proprju Hu, l-uniku tabib tal-feriti kollha tagħna, l-Imsallab li ġie mgħajjar, dak li kien imdendel mas-salib u dawk li kienu jippersegwitawh kienu jxenglu rashom u jgħidu: ***"Jekk hu l-Iben t'Alla, ħalli jinżel mis-salib!"*** (cfr. Mt. 27, 40)

Hu, proprju Hu l-uniku tabib tagħna. Allura għaliex ma wriex lil dawk li kienu jgħajjruh li Hu verament kien l-Iben t'Alla? għaliex, li wara li ppermettielhom li jerfgħuh fuq is-salib, u waqt li kienu qed jgħidu: ***" Jekk hu l-Iben t'Alla, ħalli jinżel mis-Salib"***, Hu ma niżilx, u hekk kien jurihom li Hu verament l-Iben ta' Alla, iżżuffjettat u mkasbar b'dak il-mod? Għax Hu ma riedx! Imma għaliex ma riedx?

Forsi ma setgħax? Dażgur ukoll li setgħa. Fil-fatt x'inhu l-aktar diffiċli: tinżel minn fuq is-salib jew tqum irxuxtat mill-qabar? Iżda Hu ssaporta lil dawk kollha li kienu qed jinsolentawh: u dan minħabba l-fatt li s-salib ġie magħżul minnu mhux sabiex juri l-qawwa tiegħu, iżda biex jagħti prova ta' paċenzja liema bħala.

Hu fejjaq il-pjagi tiegħek, hemm fejn issaporta fit-tul il-pjagi tiegħu. Hu fejjqek mill-mewt eterna, hemm fl-istess post fejn indenja jgħaddi minn mewt temporali. Miet, iżda forsi ma mietitx fih il-mewt? X'mewt kienet din li mexxielha tmewwet lill-mewt?

### ❑ IT-TABIB LI HU L-ISTESS ĦAJJA ❑

Dak li rawh, dak li ġie maqbud u msallab, kien verament is-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu? Dak li raw il-Ġudej, kien jew ma kienx il-Kristu? Allura l-Kristu sħiħ x'kien? ***"Fil-bidu kienet il-Kelma"***. F'liema bidu? ***"Il-Kelma kienet għand Alla"***. U liema Kelma? ***"Il-Kelma kienet Alla"***.

Forsi din il-Kelma ġiet magħmula minn Alla? Le! Infatti, ***"kienet din fil-bidu għand Alla"***. Allura? L-affarijiet l-oħra, magħmula minn Alla ma jixbħux lill-Kelma? Le! Allura b'liema mod permezz tagħha sar kollox? Għaliex dak li sar ***"fiha kienet il-ħajja"***. (Ġw.1, 1-4) u kienet ħajja qabel ma ġiet għall-eżistenza.

# BUKKETT SPIRITWALI MIT-TFAL TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

Ta' kull nhar ta' Ħadd, fid-9.00 am, fiċ-Ċentru Parrokkjali tiġi ċelebrata quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa. Din issa ilha ssir madwar ħmistax-il sena. Mijiet ta' tfal jattendu għaliha u jieħdu sehem attiv fiha. Il-Kan. Dun Joe Mejlak u Dun Manwel Buttigieg imexxu din il-quddiesa, filwaqt li membri tal-Museum tal-Bniet jgħinu flimkien ma' xi katekisti u helpers oħra tal-Parroċċa. Grupp tal-Kitarri tal-Museum tal-bniet janimaw bid-daqq u l-kant tagħhom il-quddiesa. Fit-tiem tagħha jittellgħu numru ta' premjijiet fost it-tfal li jkunu preżenti.

Iżda il-Quddiesa tal-Ħadd, 6 ta' Ottubru li għadda kellha xi ħaġa speċjali. Din il-quddiesa ġiet imxandra diretta fuq Radio Malta 1. Il-quddiesa tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Salv Borg. Peress li f'dawk il-jiem il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II kien jinsab fil-Policlinico Gemelli għall-operazzjoni, l-Arċipriet stieden lit-tfal sabiex barra li joffru din il-quddiesa għall-bżonnijiet tal-Papa sabiex ikellu fejqan ta' malajr, it-tfal tal-parroċċa flimkien mal-komunita' parrokkjali kollha joffru bukkett spiritwali li kien jikkonsisti f'quddies, talb u sagrifiċċji. It-tfal ikkonkorrew ħafna, u l-Arċipriet ħa ħsieb li jikteb lill-Q.T. il-Papa b'dan il-bukkett spiritwali li t-tfal u l-komunta' kollha Ġorġjana offrietlu anke fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Kienet sorpriża kbira meta fl-ewwel jiem ta' Diċembru, waslet ittra mis-Segreterija ta' l-Istat, bil-firma ta' l-E.T. Mons. Giovanni Battista Re, fejn għarraf lit-tfal, lill-Komunita' Parrokkjali, il-Presbyterium Parrokkjali u lill-Kapitlu ta' San Ġorġ bil-gost li ħa l-Papa bil-Bukkett Spiritwali li kien sar għall-bżonnijiet tiegħu.


SEGRETERIA DI STATO

N. 398.300

Dal Vaticano, 14 Novembre 1996

Reverendo Monsignore,

nella lieta ricorrenza del 50° anniversario dell'Ordinazione sacerdotale del Santo Padre, Ella, anche a nome di codesta Comunità parrocchiale, Gli ha indirizzato fervide espressioni augurali avvalorate dalla preghiera.

Riconoscente per l'attestato di spirituale vicinanza, Sua Santità ricambia volentieri il delicato pensiero invocando da Cristo Sommo Sacerdote della Nuova Alleanza doni abbondanti di fede e di carità, mentre di cuore invia a Lei, ai membri del Capitolo e del Presbiterio, come pure ai Parrocchiani tutti dell'insigne Basilica Collegiata di San Giorgio l'implorata Benedizione Apostolica.

Profitto della circostanza per confermarmi con sensi di distinta stima

dev.mo nel Signore

(+ G. B. Re, Sostituto)

Reverendo Signore
Mons. SALVATORE BORG
Arciprete della Basilica Collegiata
di San Giorgio Martire
Victoria, VCT 105
GOZO Malta

~ ~ ~

***Traduzzjoni ta' l-Ittra tgħid hekk:***

*Reverendu Monsinjur,*

*Fl-okkażjoni sabiħa tal-50 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, Inti, f'isem il-Komunita' Parrokkjali tiegħek, għoġbok twassallu l-awgurju ħerqan mżejjen bit-talb.*

*Rikonoxxenti għal din it-turija ta' rabta spiritwali, il-Qdusija Tiegħu, bil-qalb kollha jwassal l-istess xewqat lilek, billi jitlob mingħand Kristu s-Sommu Saċerdot tal-Liġi l-Ġdida, d-doni abbundanti ta' fidi u ta' karita', filwaqt li mill-qalb jagħti Lilek, lill-membri tal-Kapitlu u tal-Presbyterium, kif ukoll lill-Komunita' Parrokkjali kollha ta' l-Insinji Basilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ, il-Barka Apostolika mitluba.*

# Rokna għat-Tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Is-sena skolastika qed titgerbeb ġmielha, xi tgħidu, eh? Diġa għandna nofsha barra. Ftit xhur oħra u nsibu ruħna qeghdin ngħumu mill-ġdid. Imma l-ewwelnett u qabel xejn irid jieqaf il-bard u tintemm ix-xita. Imbagħad jaslu l-jiem sbieħ tar-Rebbiegħa u wara jibda s-Sajf, li bih intom tieħdu gost żgur għax tispiċċa l-iskola u jibdew il-vaganzi. Bilħaqq, qed niftakar f'xi ħaġa! Kif mortu fl-eżamijiet ta' nofs is-sena? Tgħidulix li mortu ħażin! Min imur ħażin, jistinka biex fl-eżamijiet annwali jmur tajjeb.

Tfal, illum irrid nagħmlilkom mistoqsija li naħseb li qatt għadni ma għamiltielkom. Intom titolbu xejn? Forsi tgħiduli, aħna nitolbu biex ngħaddu mill-eżami, biex inkunu dejjem tifel jew tifla tajba; nitlob biex il-mama' jew il-papa' jfiequ meta jkunu morda. Prosit! Affarijiet sbieħ dawn! Imma tgħiduli, kultant il-Bambin ma jismagħniex u ma jagħtiniex dak li nitolbuh. Meta jiġri dan, tfal, m'għandkomx taqtgħu qalbkom: ibqgħu itolbu sa l-aħħar, sa ma l-Bambin jagħtikom dak li tkunu qeghdin titolbuh.

Ħalli ngħidilkom storja, tad-daħk ftit, imma għandkom titgħallmu minnha.

Fuq Sant'Antnin jgħidu ħafna leġġendi, imma fost l-aktar popolari hemm din li ġejja:

Marija kienet ilha bix-xewqa li tiżżewweġ. Sħabha kollha sabu xi wieħed imma dawk li tħajru għaliha ma kellhiex grazzja magħhom. Kienet taf kemm jaqla' grazzi Sant'Antnin u kellha fidi kbira f'qawwietu. Quddiem l-istatwa żgħira tiegħu kienet ta' kuljum tpoġġi l-fjuri u titolbu bil-ħerqa biex isibilha r-raġel ta' ħajjitha.

Għaddew il-ġimgħat.... ix-xhur u donnu li t-talb ta' Marija kien qed jasal f'widnejn torox. Darba qamet bin-nervi u flok li għamlet il-fjuri bħas-soltu, ħarset lejn il-Qaddis bil-herra u qaltlu:

"Qed nitolbok għalxejn. M'għandix bżonnok hawn", u dlonk waddbitu 'l barra mit-tieqa. Anqas kienet taf x'qed tagħmel!

Imma l-agħjat u l-krib malajr ġabha f'tagħha. Ħarset mit-tieqa u tara raġel iżomm rasu, li kienet qed tnixxi d-demm. Marija ġġennet... ġriet 'l isfel u b'ħafna kliem ħelu bdiet tiskuża ruħha. Daħħlitu ġewwa, dewwietu u talbitu jaħfrilha.

Ir-raġel inħall għall-kliem ħelu ta' Marija. saru ħbieb... imbagħad għarajjes.... Imħatra li tafu kif spiċċat l-istorja! Iva, iżżewġu. Sant'Antnin kien sema' it-talba ta' Marija!

Sa ma nerġgħu niltaqgħu... saħħa, tfal!

Tata',

*Iz-Ziju Peppi*

# MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ 7

*- mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap -*

## Il-Pittur Prof. Attilio Palombi

(1860 - 1913)

Attilio Palombi twieled ġewwa Ruma fl-1860 u studja taħt Cesare Mariani. Għandu xogħolijiet f'Ascoli Piceno, Viterbo u f'Ruma. Kemm dam Malta huwa kellu, fost ħafna allievi, lil Ġanni Vella (1885-1977).

F'Malta nsibu ħafna xogħolijiet ta' Attilio Palombi. Ta' min isemmi l-kwadru li juri wieħed Isqof iċanfar Re, liema kwadru jinsab fil-Mużew Collegio Wignacourt, ir-Rabat, Malta (1900); bozzett tal-pittura tal-korsija prinċipali tal-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta, li juri l-apoteosi ta' San Franġisk. Ta' min igħid li l-pittura proprja ġiet egwita minn Giuseppe Cali' (1905). Xogħolijiet oħra ta' Palombi huma l-kwadru ta' Marija Addolorata li hemm fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann tas-Salib, Ta' Xbiex (1905); bozzetti tal-pittura għal waħda mill-kappelli tal-Knisja Katedrali ta' l-Imdina (1908). Dawn il-bozzetti huma konservati fil-Mużew tal-Kattidral, Mdina.

Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Publiju, il-Furjana, Attilio Palombi kien pinġa l-abside tal-Kor u partimill-koppla. Dawn spiċċaw meta ġġarfet il-knisja fl-aħħar gwerra. Is-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' l-Apparizzjoni, fil-kunvent tagħhom ta' Raħal il-Ġdid, kwadru kbir tal-Palombi li juri n-Nawfraġju ta' San Pawl. Dan il-Kwadru tpinġa mill-Palombi ġewwa Ruma fl-1891, qabel ma l-istess Palombi ġie Malta.

L-Opra prinċipali tal-Pittur Attilio Palombi ġewwa Malta tinsab fil-Kolleġġjata Veskovili u Matriċi ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Is-suġġett ewlieni tax-xogħol Palombjan f'din il-knisja huma l-episodji mill-ħajja u mill-ħidma tal-Predikatur tal-Ġnus. Il-Kapitlu kien ikkommissjona lil Palombi dan ix-xogħol fl-1903.

It-tpinġija tal-Koppla tirrakkonta erba' episodji fuq San Pawl. taħt il-Koppla nsibu l-erba' Evanġelisti. Il-pittura ta' l-abside tan-nofs turi l-konversjoni ta' San Pawl fit-triq ta' Damasku. Dik tal-lemin in-Nawfraġju u dik tax-xellug turi lil San Pawl qabel ħalla lil Malta.

Ir-rużuni tal-Kor juri lil San Pawl għand il-Profeta Ananija. It-tlett rużuni tal-Korsija juru: San Pawl qed jippriedka f'Antijokja; figura allegorika tal-Karita'; Malta f'riġlejn San Pawl quddiem it-Trinita'. Il-figuri tal-ġnub tat-twieqi juru l-Appostli u qaddsin ta' l-ewwel żmenijiet tal-Knisja. Din il-pittura kollha ġiet imnaddfa u restawrata fl-1959 mill-Profs. Oscar Testa (1909-1979), pittur u restawratur fil-Vatikan, fl-okkażjoni tal-festi ċentenarji Pawlini ta' l-1960. Xogħol ieħor ta' Palombi f'din il-Knisja huwa t-titular tal-Kappella tal-Madonna tal-Karita'.

Attilio Palombi miet fid-dar tiegħu go Via dei Polacchi, ġewwa Ruma fil-5 ta' Mejju 1913, wara marda twila. [1]

F'Għawdex, fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ insibu żewġ kwadri ta' San Pietru u ta' San Pawl fil-Kor mal-kwadru titulari. Dawn iż-żewġ kwadri artistiċi, Palombi pittirhom fl-1906 u kienu ġew ikkommissjonati minn Mons. Dekan Ġużeppi Farrugia tal-Vers (1852-1925). [2]

-----

REFERENZI:

(1) Michael Galea: Programm tal-Festa ta' san Pawl Nru. 136. Attilio Palombi. pp. 25, 26,27.

(2) Kan. Dun Nikol Vella Apap: Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III, p.80

# WASLET IS-SIEGĦA TA' ĠORĠI !

kitba ta' Pauline Grech

Le mhux Ġorġi l-Martri ta' Lidda, meqjum sa mill-bidu tal-Ktistjaneżmu fil-Lvant u l-Punent. Imma Ġorġi ieħor. Ċertu Ġorġi li kien qassis u mhux lajk bħal patrun t'ismu: Dun Ġorġ Preca, popolarment magħruf sempliċement bħala 'Dun Ġorġ' jew (fil-kas ta' l-Għawdxin) 'Dun Ġurċ'. Waslet is-siegħa ta' Ġorġi!

**Ġorġ: Ħaddiem ta' l-art**

L-Ikonografija nisranija dejjem ippreżentat lil San Ġorġ bħala gwerrier. Ftit jafu li l-isem "Ġorġ" ifisser "ħaddiem ta' l-art" jew "bidwi". Verament isem li jixraq lil Dun Ġorġ, "ħaddiem ta' l-art" : wieħed li jipprepara lin-nies għas-smiegħ tal-Kelma t'Alla. F'dan is-sens is-soċji kollha tal-Museum huma "Ġorġ" jew "Ġorġa": "ħaddiema ta' l-art".

**Ġorġ: Gwerrier**

Imma kif diġa għidt, san Ġorġ huwa aktar magħruf bħala suldat qalbieni. Fi kliem San Pietru Damiani (Il-Liturġija tas-Siegħat II, 1524):

- *"San Ġorġ għadda minn eżerċitu għal ieħor; huwa ħalla d-dinjita'*
- *ta' uffiċċjal ta' l-art u daħal fl-eżerċitu nisrani. Bħala suldat*
- *tassew qalbieni, huwa ta kull ma kellu lill-foqra biex jeħles mill-*
- *piż tal-ġid tad-dinja u hekk ħafif u bla xkiel, libes il-korazza tal-*
- *fidi, u bil-ħeġġa kollha nxteħet f'nofs it-taqtigħa bħala gwerrier ta' Kristu".*

**San Ġorġ** imwieled f'familja għonja jħalli l-unuri u l-privileġġi ta' Ruma (għax hu kien tribun Ruman) u jistqarr lil Kristu bla kompromessi.

**Dun Ġorġ** imwieled f'familja relattivament għonja jħalli l-unuri u l-privileġġi tal-Knisja Maltija fil-bidu tas-Seklu Għoxrin u jagħżel stil ta' ħajja fejn jimita b'mod radikali lil Kristu.

**San Ġorġ** jagħti kulma kellu lill-foqra.

**Dun Ġorġ** iġemma s-soldi fil-bott tal-ħalib u malli jimtela' jieħdu għand l-istampatur biex jistampa l-Karti Manwali li jqassam b'xejn.

**San Ġorġ** ħafif u bla xkiel jilbes il-morazza tal-fidi.

**Dun Ġorġ** jistqarr li f'ħajtu qatt ma kellu dubji serji fuq il-fidi, u l-effett deher ċar fis-seħer li kien jirnexxilu jqanqal f'min jisimgħu jitkellem fuq Alla għal siegħat sħaħ bla mistrieħ sa fuq l-għatba tal-qabar: bla nifs u b'pulmun wieħed.

**San Ġorġ** jinxteħet f'nofs it-taqtiegħa bħala gwerrier ta' Kristu.

**Dun Ġorġ** li mill-ispirazzjoni tal-kamra ta' fuq il-bejt sa fuq is-sodda tal-mewt qatt ma jħares lura, u jiġġieled mhux biss l-injoranza (l-agħar għadu tal-bniedem wara l-mewt) tal-poplu Malti, imma wkoll l-għeluq tal-moħħ tal-Knisja ta' żmienu waqt li jibqa' fidil lejha.

**Tal-Museum eżerċtu Ġorġjan**

"Eżerċtu" mhux b'referenza għal dak li kien jgħid l-Arċisqof Mikiel Gonzi fuq il-Museum "intom l-commandos tal-Knisja", imma eżerċtu fis-sens ta' nies li jaħdmu fis-skiet u fis-satra. Sekulari bħal San Ġorġ, mhux qassisin bħal Dun Ġorġ. Bħal San Ġorġ fid-dinja bla ma huma tad-dinja. Il-Knisja llum tgħidilna "waslet is-siegħa tal-lajċi" fi kliem ieħor "waslet is-siegħa ta' Ġorġi".

Dun Ġorġ bħal San Ġorġ inqabad ma' l-istorja ta' Malta. Malta hija l-uniku Nazzjon li fuq il-bandiera tagħha ġġib l-ikona tal-qaddis nisrani. Ħadd ħlief San Ġorġ fil-George Cross. Il-bandiera li fil-Museum kellha tofroq ix-xtut u ssib lilha nnifisha l-ewwel fl-Awstralja: pajjiż li fuq il-bandiera tiegħu iġib is-salib ta' San Ġorġ. Imbagħad s-Sudan fejn l-ewwel Museumin li jmut u jindifen f'art Sudaniża kellu bir-raġun iġib l-isem ta' Ġorġ "ħaddiem ta' l-art": Ġorġ Farrugia. Imbagħad Londra, il-Belt Kapitali tal-pajjiz li l-aktar għandu rabta qawwija ma' San Ġorġ fl-Ewropa tal-Punent. U issa l-Albanija, li bħal pajjiżi kollha tal-Lvant, qiemet lil Ġorġi anke fl-agħar żmien ta' Enver Hoxha meta kellha taħbi l-ikoni ta' San Ġorġ fil-muntanji. Waslet is-siegħa ta' Ġorġi.

F'dan iż-żmien ta' "**disfatta taċ-ċiviltà**" (il-Papa Ġwanni Pawlu II fid-



Diskors ta' l-Angelus 16.7.95) għandha bżonn nies bħal San Ġorġ, nies bħal Dun Ġorġ. Nies li jifhmu li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid. Nies li jifhmu li x-xhieda hi aqwa mill-għemil. Nies li jaħdmu fis-skiet u fis-satra għall-Ewropa magħquda mibnija mill-ġdid fuq il-prinċipji li għalihom ċarċar demmu San Ġorġ. Nies li jaħdmu biex id-dinja terġa' tiskopri l-misteru tas-salib. Biex nerġa nikkwota lil San Pietru Damiani *"San Ġorġ tħeġġeġ bin-nar ta' l-Ispirtu u b'mod ta' l-għaġeb twettaq bis-sinjal tas-salib"* u jkompli dan id-duttur tal-Knisja:

- *"Inħarsu ħuti għeżież lejn dan is-suldat ta' l-eżerċtu tas-sema,*
- *mhux biss biex nistagħġbu bih imma wkoll biex insiru nixbħuh,*
- *nerfgħu l-ispirtu tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-sema,*
- *indawwrul-għajnejn ta' qalbna 'l hemm fuq biex ma nħallux*
- *lid-dinja ċċaqlaqna la bil-ħlewwa u ż-żegħil tagħha, u lanqas*
- *bit-tehdid tagħha u l-korla tagħha għalina."*

***Waslet is-siegħa ta' Ġorġi. Waslet is-siegħa ta' Dun Ġorġ.***



# DUN PAWL MICALLEF

## "Don Bosco t'Għawdex"

## MITT SENA MINN TWELIDU

## 1897 ~ 1997



Jekk il-Belt ta' Turin tifraħ u tħossha mkabbra b'Don Bosco u l-opra kbira tiegħu tas-Salesjani, hekk ukoll il-Belt Victoria tħossha tifraħ u tħossha kburija li wieħed minn uliedha Dun Pawl Micallef li ġie magħżul minn Alla sabiex jagħti bidu u jqiegħed fuq sisien sodi waħda mill-frottijiet l-aktar bnini tal-Qaddis ta' Turin: l-Opra ta' l-Oratorju.

Jekk tifraħ Beltna, tifraħ u titkabbar bil-wisq aktar il-Parroċċa ta' San Ġorġ, għaliex **Dun Pawl Micallef,** kien mhux biss wild il-parroċċa minħabba l-magħmudija li rċieva fiha, iżda kien ukoll saċerdot qaddis, ħawtiel u kuraġġuż li fehem mill-ewwel dak li Alla ried minnu b'risq it-tfal u ż-żgħażagħ ta' beltna.

***Dati importanti fil-Ħajja ta' Dun Pawl Micallef huma:***

**1897** - Twieled fil-24 ta' Jannar fir-Rabat
**1923** - Ġie ordnat saċerdot u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa tiegħu.
**1933** - Twaqqif tal-Paġġi tas-Sagrament
**1934** - Jiftaħ l-ewwel Oratorju fi Triq il-Karità, Victoria
**1946** - Iqiegħed l-ewwel ġebla ta' l-Oratorju
**1947** - Iġib is-Salesjani f'Għawdex
**1948** - Ġublew Saċerdotali tiegħu
**1949** - Ftuħ Uffiċċjali ta' l-Oratorju
**1956** - Imut fil-25 ta' Novembru

Xieraq li f'din l-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena minn twelidu nġibu hawnhekk is-Sunett li l-Poeta Għawdxi **Ġorġ Pisani** kien kiteb u qara' waqt Serata li saret fl-Oratorju Don Bosco nhar il-15 ta' Diċembru 1956, fl-okkażjoni tal-mewt ta' Dun Pawl.

Meta, Dun Pawl, f'żgħożitek kmieni kmieni
lit-tfal fit-tajn ilmaħt titmiegħek,
ix-xabla dlonk int slitt, u bħal qalbieni
tqabadt u rbaħt lil kulħadd miegħek.

Dun Bosco Għawdxi, int għixt ta' fqir 'ma ħieni
kollox irmejt; ħaddimt moħħok u drieghek
basta fl-aħħar wettaqt il-għan ewlieni
ta' l-ideali kbar u mqaddsa tiegħek.

Għemilek ma jintemmx; bħal nifs tal-ħajja,
inissel ħeġġa ġdida fiż-żgħożija
li tmexxi t-tmun taż-żmenijiet u l-ġrajja.

U jibqa' jixgħel fostna bħal lanterna,
mafkar ta' ġieħ, nixxiegħa ta' tjubija,
spirtu ta' ferħ u poeżija eterna.

**Pelleġrinaġġ għal LOURDES 1997**

**Titlifx iċ-ċans li żżur Lourdes - il-belt tal-Madonna**
**Ingħaqad mal-Pellegrinaġġ li l -Parroċċa tagħna**
**Titlifx żmien! • *Kellem lill-Arċipriet illum stess.***

**Lafayette Photo Studio** *for a professional photographic service*
ST. GEORGE'S SQUARE - VICTORIA - GOZO

A+M PRINTING LTD. - QALA